**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

## Laqgħa Nru. 20(07)/2016 (Kontinwazzjoni)

Data: 12 ta` Awwissu, 2016

Hin: 3:00pm

Post: Kunsill Lokali Birgu, Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu

---

Preżenti:
***Is-Sur John Boxall*** – *Sindku*
***Is-Sur Trevor Mizzi*** – *Viċi Sindku*
***Is-Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Eman Zerafa*** – *Kunsillier*
***Is-Sjra Lara Mascena*** – *Deputat Segretarju Eżekuttiv*

Skużat: ***Is-Sur Anton Gellel*** – *Kunsillier*

---

**AĠENDA**

1. L-Post Vakant ta` Segretarju Ezekuttiv
2. Jum il-Birgu 2016;
3. Birgufest 2016;
4. Aġġornament.

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u tah bidu ghall- Laqgha numru 20(07) (Kontinwazzjoni)

### 1. L-Post Vakant ta` Segretarju Ezekuttiv

Wara li saru l-intervisti ghall-post vakant ta` Segretarju Ezekuttiv, fuq ir-rakkomondazzjoni tal-Bord maghmul mis-Sindku, is-Sur John Boxall, Kunsillier, is-Sur Anton Gellel u zewg rapprezentanti ohra,is-Sur Carmel Tabone u s-Sur Etienne Micallef, is-Sindku s-Sur John Boxall propona lis-Sinjura Lara Mascena, u s-Sur Trevor Mizzi ssekonda. Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla billi qal li din id-decizjoni ittiehdet ghall-interess tal-Kunsill u dan ghal fatt li s-Sinjura Mascena ilha mpjegata mal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal dawn l-ahhar hames snin u li fil-passat hadmet ukoll ta` Agent Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghalhekk ikun viabbli li s-Sinjura Mascena tokkupa din il-kariga ta` Segretarju Ezekuttiv. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 2. Jum il-Birgu 2016

Is-Sindku, s-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li zmien qieghed joqrob ghad-data ta` 7 ta` Settembru u ghad fadal hafna xoghol xi jsir. Is-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku informa lil dawk prezenti li huwa diga` kellhu komunikat mas-Sur Paul Grima mis-Show of Arms sabiex titella` esebizzjoni u jsir re-enactement minn naha taghhom matul is-serata. Il-Kunsill idecieda li jkellem il-Paul Grima dwar dan. Id-Deputat Seg.Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill diga` beda l-preparamenti tieghu, fejn intbghatu xi ittri u li diga ghandhu ittri ohra preparati x`jibghat. Is-Sur Boxall zied jghid li din is-sena ser nerghu ninfurmaw lill-ghaqdiet sabiex jordnaw il-kuruni tar-rand. Barra minhekk gie diskuss biex jintbaghtu l-kwotazzjonijiet ghall-kiri ta` siggijiet, catering, u ghas-sistema tas-sound. Is-Sur Eman Zerafa propona li ghall-waqt il-quddiesa nistiednu lill-kor tal-Lunzjata biex janima l-quddiesa, fejn dwar dan kien

hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sur Boxall informa lis-Seg.Ezekuttiv biex tiprepara l-ittri ta` donazzjonijiet lill-kumpaniji tas-soltu u l-hwienet tal-lokal.

Rigward in-nomina ta` min ser jiehu Gieh Jum il-Birgu, is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li waqt il-laqgha li saret fit-3 ta` Awwissu, is-Sur Trevor Mizzi propona lis-Sinjura Miriam Gauci fejn is-Sur Gellel issekonda. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti. Waqt din il-laqgha gie deciz li ghal din l-attivita ta` Jum il-Birgu jigu vvutati tlett elef ewro.

## 3. Birugest 2016

Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li huwa ferm importanti li waqt il-laqghat li jsiru tas-Sotto Kumitat jkunu prezenti anke l-Kunsilliera u dan ghal fatt biex kulhadd ikun jaf x`inhu jigri u b`hekk id-decizjonijiet ikunu jisghtu jittiehdu aktar facilment. Waqt din il-laqgha gie deciz li dawk li ser jarmaw stands kbar f`zoni differenti fil-Birgu jridu jhallsu somma ta` tlett mitt ewro u jiehdu hsieb l-entertainment ta` dik iz-zona fejn jarmaw. Dwar dan kien hemm qbilu unanimu. Is-Sur Boxall informa lil dak prezenti li ghal din is-sena ser jerga jitella l-Short Film Festival u li ser jiehu hsiebu s-Sur Alan Cassar. Is-Sur Boxall zied jghid li jridu jigu preparati l-ittri ghad-donazzjonijiet.

## 4. Aggornament

Il-Laqgha 20 (07) (Kontinwazzjoni) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fil-5:00pm (hamsa ta' filghaxija).

_______________________ _______________________

Lara Mascena John Boxall

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku

*Approvati llum ...............................................*